31 Awissu 2004

**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA U X-XANDIR**

**Siltiet mid-diskors tal-ftuħ ta' seminar dwar is-sitwazzjoni preżenti tar-refuġjati mill-Vici Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern Dr Tonio Borg**

Il-bniedem minn dejjem terraq madwar id-dinja jfittex ħajja aħjar u iktar sigura u l-migrazzjoni umana hija qadima daqs l-istess bniedem. Dan għadu jgħodd illum ukoll. Skond l-aħħar ċifri ppublikati mill-UNHCR, l-Aġenzija tan-Nazzjonijiet Uniti dwar ir-Refuġjati, in-numru ta' *displaced persons*, madwar id-dinja jlaħħaq ftit inqas minn 20 miljun li minnhom kważi 5 miljuni huma persuni minn pajjiżi Afrikani li qed ifittxu ħajja aħjar fl-Ewropa. Minkejja t-tbatijiet li jiltaqgħu magħhom, miljuni ta' emigranti jitliqu minn pajjizhom kull sena, jew għax persegwitati minħabba reliġjoni jew politika, minħabba li f'pajjiżhom hemm gwerer ċivili, faqar u ħafna drabi biex ifittxu ħajja aħjar f'pajjiżi iktar sinjuri.

F'dawn l-aħħar snin Malta ukoll iffaċċjat il-problema ta' immigrazzjoni illegali. Għadd konsiderevoli ta' immigranti li jkunu telqu mix-xtut ta' l-Afrika ta' Fuq wara vjaġġi twal minn pajjiżi iktar l-isfel mis-Sahara, li ħafna drabi jkunu jridu jaslu l-Ewropa, għal diversi raġunijiet, bħal maltemp jew ħsarat fl-inġenji, jaslu Malta. Minħabba ċ-ċokon tagħna dan joħloq problemi. Biżżejjed wieħed jiftakar li fis-sena 2002 mhux inqas minn 1680 immigrant irregolari niżlu f'pajjiżna, nofs l-ammont ta' twelid kull sena f'Malta. Jekk wieħed jikkomparah ma' l-Italja dan ifisser li qisu niżlu 168,000 immigrant irregolari fi Sqallija

Dan ġara sentejn ilu meta l-forzi taż-żamma ta' l-ordni, l-iktar l-Armata u l-Pulizija, kienu iffaċċjati bi kriżi meta mijiet ta' immigranti illegali bdew jaslu regolarment fuq xtutna. Il-pajjiż ma kienx ippreparat, għax sa dak iż-żmien kienu jaslu ftit għexieren ta' immigranti. Fil-fatt il-Gvern kien għadu kemm fetaħ ċentru ta'

detenzjoni biex jaqdi l-ħtiegijiet ta' dawn il-persuni, ċentru li kien mgħammar f'kollox iżda li kien immirat għal madwar mitt persuna biss. Il-wasla ta' numru daqshekk kbir ħoloq problemi kbar, iktar u iktar għax kien fenomenu li qatt ma konna rajna bħalu qabel.

Sa sitt snin ilu ir-refugjati jew dawk li qed ifittxu stat ta' refugjat f'Malta ma kellhom l-ebda dritt. Sal-1998 ma kien hemm l-ebda liġi dwar li tħares id-drittijiet ta' refuġjat - kull refuġjat kien meqjus bħala ħaddiem barrani mingħajr permess tax-xogħol. Id-decizjoni jekk persuna tkunx jistħoqqilha tikseb l-istatus ta' refuġjata kienet tieħdu l-UNHCR f'Ruma.

Meta fl-2000 ħareg l-Att dwar ir-Refuġjati, fost oħrajn dawn ingħataw dawn id-drittijiet :

- ma jistax jitkeċċa minn Malta sakemm għadhom għaddejjin il-proċeduri
- jinħeles hekk kif jingħatlu l-istatus ta' refuġjat
- dritt għas-servizz ta' saħħa u edukazzjoni b'xejn
- dritt biex jingħaqad mal-familja
- assistenza soċjali
- dritt għal dokument ta' l-ivvjaggar
- u d-dritt li jaġdem

F'Ottubru ta' l-2001 kien inħatar l-ewwel Kummissarju għar-Refuġjati u twaqqaf il-Bord ta' l-Appell. Il-każijiet ma baqgħux jinstemgħu fl-Italja iżda bdew jinstemgħu f'Malta u dan fisser li l-proċeduri tħaffew konsiderevolment. Il-kriterji użati huma dawk tal-UNHCR u kull applikazzjoni tigi studjata u meqjusa individwalment.

Minn Jannar 2002 sa l-aħħar ta' Lulju 2004 il-Kummissarju għar-Refugjati iproċessa 1164 każ li kienu jinvolvu 1431 persuna. 756 persuna ingħataw xi tip ta' protezzjoni (jew status ta' refuġjat jew protezzjoni umanitarja) fil-waqt li 545 persuna ġew rifjutati.

Minkejja li forsi Malta tidher li żżomm id iebsa ma' l-emigranti irregolari, wieħed irid jgħid li pajjiżna għandu l-għola rata ta' aċċettazzjoni fl-Ewropa, b'medja ta' 53%, li jfisser li minn kull mitt persuna li tapplika għal stat ta' refuġjat jew għal protezzjoni umanitarja 53 jingħataw xi forma ta' protezzjoni.

Sas-sajf l-ammont ta' immigranti f'detenzjoni kien ta' 100. Dan għax kien tħaffef il-proċess, ripatrijazzjoni u għadd ta' immigranti irregolari kienu inħelsu wara żmien konsiderevoli f'detenzjoni fuq bażi umanitarja. Bil-wasla ta' iktar immigranti fil-ġimgħat li għaddew dan in-numru tela għal 500.

Il-kriżi li nistgħu niffaċjaw fil-futur ser tiġi trasferita miċ-ċentri ta' detenzjoni għaċ-ċentri miftuħa, peress li hu maħsub li ħafna minn dawk li qegħdin fiċ-ċentri ta' detenzjoni ser jingħataw xi forma ta' protezzjoni. Diġa saru laqgħat biex jiġu identifikati postijiet fejn jistgħu isiru open centres ġodda. Bħalissa l-Gvern qed isib l-għajnuna ta' xi NGOs, fosthom il-Kummissjoni Emigranti u l-Laboratorju tal-Paci, li qed jospitaw refuġjati, imma  huwa importanti li NGOs u organizazzjonijiet oħra jgħinu.

Il-gvern, u hawn jeżisti kunsens anki ma' l-Opozizzjoni, ser jibqa jżomm il-politika tad-detenzjoni fl-aħjar interess tal-pajjiż. Il-Gvern Malti wera li huwa ħanin ma' min għandu bżonn iżda iebes ma min ma ħaqqux protezzjoni. Dan ser nibqgħu nagħmluħ.

Bid-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, pajjiżna sar il-fruntiera t'isfel ta' l-Ewropa u l-pożizzjoni geografika tagħna tefgħet fuqna piż ġdid. Il-problema ta' immigrazzjoni illegali hija fuq fuq l-aġenda ta' l-Unjoni Ewropea ukoll. Tista tgħid li f'kull laqgha tal-Ministri ta' l-Intern ta' l-Unjoni Ewropea tiġi diskussa s-sitwazzjoni. Huwa ta' ġid għal Malta li l-Kummissarju l-ġdid tal-Ġustizzja u l-Intern huwa Rocco Buttiglione, Taljan li jifhem sew il-problemi li l-influss ta' klandestini qed joħloq fuq iż-żewg pajjiżi. Fi ftit ġranet oħra ser niltaqa' mal-Ministru ta' l-

Intern Taljan Giuseppe Pisanu u ser niddiskutu l-aħħar żviluppi, fosthom il-poposta li jinħolqu ċentri f'pajjiżi mhux Ewropej fejn jiġu ipproċessati applikazzjonijiet ta' immigranti li jridu jmorru l-Ewropa, anki fil-possibilta li kull pajjiz fl-Ewropa jkollu kwota ta' kemm jista jaċċetta immigranti.

Minkejja ċerti nuqqasijiet, pajjiżna wera fil-passat u qed ikompli juri llum, solidarjeta ma' min qed jaħrab minn persekuzzjoni politika jew reliġjuża. Malta ser tkompli twettaq l-obligazzjonijiet internazzjonali tagħha, billi żżomm it-triq tan-nofs – li tkun ġeneruza u jkollha qalb kbira ma'  min għandu bżonn iżda fl-istess waqt iebsa ma' min ma jistħoqlux din il-protezzjoni.